MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 6/2006

**Anthony u Maureen konjuġi Saliba u Loreto u Anna konjuġi Saliba**

***Versus***

**Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

F’din il-kawża r-rikorrenti qegħdin ifittxu rimedju għax qegħdin igħidu illi nkisru l-jeddijiet fondamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà u għal ħarsien kontra diskriminazzjoni taħt l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“l-Ewwel Protokoll”] u l-art. 14 ta’ l-istess Konvenzjoni Ewropea [“il-Konvenzjoni”].

Ir-rikors li bih infetħu dawn il-proċeduri jgħid illi r-rikorrent Anthony Saliba jagħmel xogħol ta’ *panel beater* u *sprayer* minn sit imwarrab u mhux abitabbli fi Triq ix-Xlendi,

Xlendi, Għawdex, mnejn jaqla' l-għixien tiegħu u tal-familja. Dan il-fond fix-Xlendi huwa tar-rikorrenti Loreto u Anna Saliba, il-ġenituri ta' Anthony, li ħallew lil binhom jinqeda bih.

F'Awissu ta' l-2003 uffiċjali ta' l-awtorità intimata, "b'mod abużiv u diskriminatorju", qatgħuha li jieħdu passi, jew *direct action*, kontra l-konjuġi Saliba u hekk issiġġillaw il-makkinarju kollu proprjetà tagħhom b'mod illi r-rikorrent Anthony kellu jieqaf mix-xogħol tiegħu, b'danni kbar għalih u għall-għixien tal-familja.

Ir-rikorrenti wkoll saru jafu illi hemm diversi *sprayers* u *panel beaters* oħrajn illi l-biċċa l-kbira tagħhom kienu qegħdin jaħdmu bla permess, u ħafna każijiet ilhom "*referred for direct action*" sa mill-1995, iżda l-awtorità intimata naqset milli qatt tieħu xi passi kontra tagħhom waqt illi ħadet passi biex twaqqaf lir-rikorrenti mix-xogħol tagħhom.

Dan qiegħed lir-rikorrent f'sitwazzjoni ta' "żvantaġġ ċar u manifest" quddiem il-kompetituri tiegħu għax dawn tħallew ikomplu jaħdmu ukoll meta l-każ tagħhom kien *referred for direct action* snin qabel, waqt illi r-rikorrent kellu jikri post ieħor, b'kera għoli, sabiex ikun jista' jkompli jaħdem.

Din id-diskriminazzjoni kontra r-rikorrent ġiet ukoll kundannata mill-*Ombudsman*. L-awtorità intimata stess għarfet dan meta offriet lir-rikorrent il-possibbiltà li jerġa' jibda jaħdem mill-post fejn kien jaħdem qabel, iżda dan ma setax jagħmlu għax kien ġà ntrabat b'kera ta' post ieħor, u wkoll għax l-awtorità riedet illi r-rikorrenti jirrinunzjaw għal kull dritt ta' azzjoni kontrieha. Għalhekk id-diskriminazzjoni għadha sseħħ sallum u l-awtorità intimata baqgħet ma għmlet xejn biex ittaffi d-danni li ġarrbu r-rikorrenti.

Għalhekk, igħidu r-rikorrenti, huma ġew imfixklu fit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom u fl-eżerċizzju tan-negozju tagħhom b'mod diskriminatorju, għax ir-rikorrenti kellhom drittijiet ta' proprjetà kemm fuq il-post fejn ir-rikorrent Anthony Saliba kien jaħdem kif ukoll fuq in-negozju nnifsu.

Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrenti talbu illi l-qorti tgħid illi l-għemil ta' l-awtorità intimata jikser il-jeddijiet fondamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà b'mod illi ma ssirx diskriminazzjoni abużiva kontriehom f'dik it-tgawdija bi ksur ta' l-art. ta' l-Ewwel Protokoll u l-art. 14

tal-Konvenzjoni, u tagħti l-ordnijiet meħtieġa sabiex jitħarsu dawk il-jeddijiet tar-rikorrenti, ukoll billi tillikwida kumpens favurihom għad-danni li ġarrbu.

L-awtorità intimata wieġbet fit-23 ta' Novembru 2006[1].

Il-fatti ta' dan il-każ huma sempliċi ħafna. Ir-rikorrenti fetħu *workshop* fejn ir-rikorrent Anthony Saliba kien jagħmel xogħol ta' *panel beating* u *spraying*. Dan kollu sar bla permess. Għalhekk l-awtorità intimata, kif huwa d-dmir u s-setgħa tagħha li tagħmel biex tara li titħares il-liġi, ħarġet avviż biex jieqfu u, wara li r-rikorrenti injoraw dan l-avviż, ittieħdet azzjoni diretta kontriehom mill-awtorità li issiġġillat il-makkinarju biex hekk ir-rikorrent ma setax ikompli jaħdem.

Ir-rikorrenti issa qegħdin jippretendu illi għandhom jedd fondamentali mħares mill-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll biex ikomplu jinqdew bil-proprjetà tagħhom bi ksur tal-liġi. Qegħdin jippretendu wkoll u illi ma għandhiex issir diskriminazzjoni kontra tagħhom fit-tgawdija ta' dan il-jedd tagħhom li jgawdu proprjetà bi ksur tal-liġi; qegħdin igħidu hekk għax hemm *panel beaters* u *sprayers* oħrajn f'Għawdex li qegħdin jaħdmu bla permess u bi ksur tal-liġi u ma ttieħdet ebda azzjoni diretta kontriehom, għalkemm il-każ ta' dawn kien *referred* għal azzjoni diretta qabel il-każ tar-rikorrenti.

L-artikoli tal-liġi li fuqhom qegħdin jistrieħu r-rikorrenti huma dawn:

ARTIKOLU 1 [L-EWWEL PROTOKOLL]

Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.

ARTIKOLU 14 [IL-KONVENZJONI]

[1] *Fol*. 88.

It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f’din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor.

Ma huwiex u ma jistax ikun kontestat illi l-istat, permezz ta’ organi tiegħu bħal ma hija l-awtorità intimata, għandu s-setgħa li jikkontrolla l-użu tal-proprjetà. Ma jidhirx ukoll illi r-rikorrenti qegħdin jikkontestaw il-fatt illi qegħdin jinqdew bil-proprjetà bi ksur tal-liġi, tant illi ma għamlu ebda appell kontra l-Avviż biex Tieqaf u ta’ Twettiq, għalkemm kellhom il-jedd li jappellaw. Minkejja dak li jippretendu r-rikorrenti, ma jistax lanqas ikun serjament kontestat illi l-awtorità intimata kellha mhux biss is-setgħa iżda wkoll id-dmir li twaqqaf lir-rikorrenti milli jkomplu jiksru l-liġi.

Imxiet ħażin l-awtorità kull meta ma ħaditx azzjoni kontra kull min jikser il-liġi li l-amministrazzjoni tagħha hija fdata f’idejha, u mhux meta ħadet azzjoni kontra r-rikorrenti. Jista’ jkun illi d-deċiżjoni ta’ l-awtorità li l-każ tar-rikorrenti kellu jieħu preċedenza fuq oħrajn – ukoll jekk dawn kienu eqdem – għal azzjoni diretta kienet deċiżjoni amministrativament ħażina, iżda ma hijiex ksur ta’ jedd fondamentali għax (a) ma hemmx jedd fondamentali li tinqeda bil-proprjetà assolutament kif trid, ukoll bi ksur tal-liġi, u (b) ma hemmx jedd fondamentali għal ħarsien kontra diskriminazzoni fit-tgawdija tal-jedd li tinqeda bi proprjetà bi krur tal-liġi.

Il-qorti għalhekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, li tqishom sempliċement frivoli u vessarorji għal dak li jgħid u jrid l-art. 4(5) ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319], u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------